MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Numru. 1197/2010

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Jolene Camilleri, bint Carmelo, imwielda Pieta' fit-30 ta' Ottubru, 1986, Karta ta' l-Identita numru 543786(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fit-2 ta' Novembru, 2010 għal ħabta tal- 12.30 p.m. ġewwa l-Belt, Valletta, assoċjat ruħha ma Richard (Rachela) Spiteri bil-għan li tagħmel delitt ta' serq:
1. ikkomettiet serq ta' choker tad-deheb tal-valur li jeċċedi €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 liema serq hu aggravate bil-valur għad-dannu ta' Josef Seychell;
2. talli xjentement għenet jew assistit lil Richard (Rachela) Spiteri fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat;

3. talli laqgħet għandha jew xtrat oġġett li l-valur tiegħu jeċedi €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37, liema oġġett lien misruq meħud b'qerq jew akkwistat b'reat jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħu jew tmexxih;
4. talli għamlet reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija, waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probatiion għal żmien tlett snin li ġie mpost fuqha b'sentenza tat-13 ta' Mejju, 2009;
5. talli b'hekk għamlet reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija, waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza għal tlett snin li ġiet imposta fuqha b'sentenza tat-18 ta' Mejju, 2007 liema sentenza sospiza ġiet imġedda għal żmien sitt xhur b'sentenza tas-6 ta' Ottubru, 2009;
6. talli saret reċidiva b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat il-presentencing report eżebit fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2011.

Rat il-fatt li llum l-imputata hi tqila u bdiet program residenzjali mal-Caritas ta' sentejn għar-riabiltazzjoni tagħha kontra l-vizzju tad-droga.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tielet akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża. Issibha ħatja tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikoli 42(d), 48A, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Probation Order kontra l-imputata għal żmien tlett snin.

Minbarra dan, rat is-sentenza tat-18 ta' Mejju, 2007 fejn l-imputata kienet ikkundnnata għal piena ta' għoxrin (20) xahar priġunerija sospizi għal tlett snin, liema perjodu ġie mgedded għal sitt xhur oħra b'sentenza tas-6 ta' Ottubru, 2009. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, wara li rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali tordna li s-sospensjoni ta' tali sentenza tiggedded għal tlett snin oħra mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------